MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 120/2012

Kawza fil-lista: 30

**A H**
**vs**
**P H f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' binha l-minuri W H nominata b'digriet ta' din il-Qorti tat-2 ta' Awissu 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur ipprezentat fit-23 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena 1997 fil-Knisja ta' Santu Kristu, Hal-Ghaxaq;

Illi l-partijiet huma separati *de facto;*

Illi fid-29 ta' Gunju tas-sena 2011 twieled il-minuri W, liema minuri gie registrat bhala l-wild naturali ta' l-attur, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2233/2011;

Illi l-minuri W mhuwiex l-iben naturali ta' l-attur;

Illi l-attur ma jridx illi jibqa' jigi ndikat bhala missier il-minuri W;

Illi l-attur gia' ssottometta ruhu ghal ezami xjentifiku u gie stabbilit illi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri W ;

Illi huwa gie awtorizzat jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet datat 9 ta' Mejju 2012;

Talab lil din il-Qorti sabiex:
1. Tiddikjara illi l-minuri W li twieled fid-29 ta' Gunju tas-sena 2011 bin-numru ta' iskrizzjoni 2233/2011 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar l-attur fl-att tat-twelid, jigu mnizzla l-kliem missier mhux maghruf.

Rat il-lista tx-xhieda ta' l-attur;

Rat id-dokumneti prezentati mill-attur;

Rat id-digriet taghha[1] datat 2 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba ta' l-attur sabiex il-konvenuta tinhatar kuratrici *ad litem* ta' binha W H;

Rat il-konferma b'gurament[2] ta' Dottoressa Marisa Cassar li l-attur mhux il-missier naturali ta' Sheldon H.

[1] folio 24
[2] folio 28

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha resqet diverzi eccezzjonijet li pero' gew irtirati b'nota ipprezentata fl-20 ta' Frar 2013[3] fejn anke ddikjarat li taqbel li t-tifel ma hux iben l-attur u li ghalhekk taqbel li ghandha ssir il-korrezzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu innominat bhala espert gudizzjarju lil Dr Renald Blundell sabiex jikkonduci it-test tad-DNA.

Rat ir-rapport tal-perit gudizzjarju ipprezentat fit-30 ta' Jannar 2013 fejn iccertifika li l-minuri ma hux l-iben naturali tal-attur.[4]

Rat in-nota tal-konvenuta fejn qablet li ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel W H li twieled fid-29 ta' Gunju 2011 li fl-att tat-twelid tieghu bin-numru 2233/2011 gie registrat bhala ibnu, m'huwiex il-wild naturali tieghu.

**Provi**

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien izzewweg lill-konvenuta P H fis-sitta (6) ta' Settembru 1997 u fid-29 ta' Gunju 2011 il-konvenuta welldet lill minuri W. L-attur fl-affidavit tieghu ikkonferma[5] li f'Dicembru 2011 il-konvenuta telqet mid-dar konjugali u marret tghix banda ohra. Xi zmien wara kien cempillu certu John Wayne Cassar u informah li t-tifel ma kienx tieghu. Huwa ghalhekk talab lill-konvenuta biex imorru jaghmlu DNA test u hi accettat. Inkarigaw lil Dr Marisa Cassar li min-naha taghha iccertifikat li t-tifel m'huwiex tal-attur.

[3] folio 41
[4] folio 35
[5] folio 26

**Konsiderazzjonijiet**
L-azzjoni ta' *denegata paternita'* bhal ma hi dik odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 75 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

*(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa -*
*(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta; jew*
*(b) jekk ma jkunx tal-eta jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f'kawza kontra kuratur mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista' tahtar it-tutur li t-tifel ga jkollu;*
*(2) F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-*denegata paternita* twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 70 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mir-ragel tigi istitwita kontra (a) il-mara tieghu (b) u l-wild taghha jew kuratur nominat.

2. Fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jinkixef il-qerq.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide.**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici billi:

1. Tiddikjara illi l-minuri W li twieled fid-29 ta' Gunju tas-sena 2011 mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur;

2. Tawtorizza korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2233/2011 li jinsab fir-Registru Pubbliku fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar missier il-minuri, id-dettalji tal-attur jigu kollha kancellati, u jigu kancellati il-kliem “the said” minn wara isem l-omm u jigu minflok imnizzla l-kliem “missier mhux maghruf”.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------